**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 535 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Christian Borg**

Illum, 28 ta' Marzu, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Christian Borg, ta' disgha u ghoxrin (29) sena bin Raymond u Sharon Anne nee' Lea imwieled Pieta fl-14 ta' Lulju, 1993 u li joqghod 70, Sharay, Triq il-Fraxxinu, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315493 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

(1) Fuq talba ta' l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-xoghol gie akkuzat talli fil-kapacita' tieghu personali u/jew bhala klijent li ghalih qieghed xoghol kif ukoll ipso facto project supervisor fis-sit sitwat Triq il-Karmnu kantuniera ma' Triq Alessio Erardi, Zabbar nhar id-19 ta' Settembru

2022, matul il-gurnata u fix-xhur ta' qabel naqas milli jiehu l-mizuri kollha mehtiega ghas-salvagwardja tas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' Art 6 ta' A. L. 88/2018.

(2) Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita' tieghu ta' project supervisor naqas milli jikkoordina l-implimentazzjonijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' A.L. 88/2018 sabiex jassigura li min jimpjega u, jekk mehtieg ghall-protezzjoni tal-haddiema, persuni impjegati ghall-rashom japplikaw il-principji relevanti f'manjiera konsistenti u meta mehtieg, isegwu l-pjan tas-sahha u sigurta' u dan ai termini ta' Art. 5(4) (d) ta' A.L. 88/2018.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal- 14 ta' Dicembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti u 5 (4) (d) tal- Avviz Legali 22 tas-sena 2018 u l-artikolu 38 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti sabet lill-qua imputat Christian Borg hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundannatu ghall-multa ta' tlett t'elef Ewro (Eur. 3000).

Rat ir-rikors tal-appellanti Christian Borg minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' dan l-appell, tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fl-ismijiet Il-Pulizija v. Christian Borg deċiża fl-14 ta' Diċembru, 2022 u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

***<u>L-ewwel aggravju – in-nullità tas-sentenza appellata billi fid-deċide l-ewwel Qorti iċċitat artikoli tal-liġi ħżiena meta sabet lill-appellant ħati</u>***

Illi minn qari tad-deċide tas-sentenza appellata jidher illi meta l-ewwel Qorti sabet ħtija u ġiet biex tiċċita l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reat – formalità meħtieġa *ad validitatem* mill-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta – Hija iċċitata ir-regolamenti 6 u 5 (4) (d) tal-Avviż Legali 22 tas-sena 2018;

Illi l-appellant kien akkużat b'reat ikkontemplat fl-Avviż Legali **88** tas-sena 2018 mhux l-Avviż Legali imsemmi fid-deċide tas-sentenza appellata. Inoltre l-Avviż Legali **22** tas-sena 2018 huwa dak intitolat *Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti)* u assolutament ma jikkontempla l-ebda reat illi bih kien akkużat l-appellant;

Illi minn qari ta' l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-appellant jidher illi huwa kien akkużat b'reati li joħorġu mill-Avviż Legali **88** tas-sena 2018. Ma kienx akkużat b'xi reat illi joħroġ mill-artikolu 38 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jingħad billi l-ewwel Qorti iċċitat ukoll dan l-artikolu tal-liġi mingħajr referenza għall-ebda wieħed mid-disa' (9) sub-inċiżi tiegħu. Minn qari ta' dan l-artikolu kollu, huwa evidenti illi l-ebda wieħed mis-sub-inċiżi tiegħu ma jikkontemplaw ir-reati illi bihom ġie akkużat l-appellant billi tali reati huma ikkontemplati mill-Avviż Legali 88 tas-sena 2018;

Illi l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi *Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*;

Illi ladarba l-ewwel Qorti iċċitat l-Avviż Legali l-ħażin fl-għoti tas-sentenza tagħha, is-sentenza appellata hija karenti fil-formalità preskritta mil-liġi u hija għalhekk nulla. Ġie ritenut ukoll illi mhux biżżejjed illi jiġi indikat artikolu illi jindika l-piena;

Illi l-appellant jiċċita s-segwenti bran mis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nazzareno Ferriggi:**

*Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra ghandu jkun osservat illi wara li l-ewwel Qorti sabet htija, inter alia, fit-tielet imputazzjoni, ccitat hazin l-artikolu tal-ligi dwar din l-imputazzjoni meta indikat l-artikolu 342 tal-Kapitolu 9. L-artikolu 342 huwa dak li jirregola l-piena meta tinsab htija fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali liema artikolu kellu jkun espressament indikat wara li instabet htija fit-tielet imputazzjoni u dan fuq piena ta' nullita' fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:*

*Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikoli ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.*

***Il-gurisprudenza in rigward hija wahda kopjuza u kostanti li dejjem rriteniet illi f'sitwazzjoni konsimili s-sentenza tkun nulla fl-intier taghha. Inkluz ma' dan hu l-principju li din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku u ghandha titqajjem ex officio meta tirrizulta. Ghal dawn ir-ragunijiet, stante illi s-sentenza appellata hija karenti minn formalita' essenzjali ghall-validita taghha, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett;***

Illi għalhekk is-sentenza appellata hija nulla u tali nullità hija saħansitra sollevabbli *ex officio*;

***It-tieni aggravju – id-dokument intitolat "Construction Notification Form" mhuwiex dokument oriġinali u mhuwiex lanqas kopja ta' dokument oriġnali u għalhekk ma għandu l-ebda valur probatorju***

Illi l-akkużi inħarġu fil-konfront ta' l-appellant għab-bażi ta' kopja ta' dokument intitolat "Construction Notification Form" illi ġie eżebit f'dawn il-proċeduri mill-uffiċjal ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Clint Cachia;

Illi waqt il-kontro-eżami tiegħu l-imsemmi Clint Cachia xehed illi d-dokument fil-forma oriġinali tiegħu mhuwiex fil-pussess ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Huwa xehed ukoll illi aktarx dan id-dokument intbagħat "scanned" permezz ta' "email" lill-Awtorità imsemmija minn Joseph Camilleri illi allegatament kien il-"project supervisor". Huwa xehed illi lill-appellant ma jafux u qatt ma rah u illi d-dokument in kwistjoni ma ġiex iffirmat quddiemu. Huwa xehed ukoll illi l-apellant ma kienx fil-post fejn saret l-ispezzjoni;

Illi jibda billi jingħad illi bħal ma huwa magħruf hawn qegħdin fil-kamp kriminali u hija meħtieġa illi tinġieb l-aħjar prova kif jiddisponi l-artikolu 638 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant issottometta illi l-kopja tad-dokument intitolat "Construction Notification Form" ma għandha l-ebda valur probatorju. Il-fatt illi dan id-dokument ġie awtentikat bħala "true copy" ma jfisser xejn billi l-oriġinali ma kien qatt fil-pussess ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Għalhekk umilment jiġi sottomess illi dan id-dokument ma seta' qatt jiġi awtentikat bħala vera kopja minn xi uffiċjal ta' l-imsemmija Awtorità billi fl-aħjar xenarju għall-prosekuzzjoni huwa kopja ta' dak illi intbagħat "scanned" permezz ta' "email" lill-imsemmija Awtorità u għalhekk kopja ta' kopja u ma seta' jiġi qatt awtentikat bħala vera kopja ta' l-oriġinal. Dan ifisser illi d-dokument ma għandu l-ebda valur probatorju. B'żieda ma' dan jingħad illi l-imsemmi Joseph Camilleri illi allegatament bagħat id-dokument "scanned" lill-Awtorità ma ġiex prodott biex jixhed u jgħid jekk id-dokument oriġinali ġiex iffirmat quddiemu u

minn min u intbagħatx minnu lill-imsemmija Awtorità. L-Awtorità naqset ukoll milli teżebixxi l-allegata komunikazzjoni bl-"email" minn dan Joseph Camilleri u dana minkejja illi l-uffiċal in kwistjoni illi xehed ġie mistoqsi in kontro-eżami biex jeżebixxi tali korrispondenza jekk eżistenti;

Illi hija għalhkk l-umli sottomissjoni ta' l-appellant illi d-dokument in kwistjoni u illi fuqu inħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu ma għandu l-ebda valur probatorju billi la huwa dokument oriġinali u lanqas huwa dokument illi seta' jiġi awtentikat bħala vera kopja ta' l-oriġinali. Il-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tressaq bħala xhud lill-persuna illi tallega illi bgħatet dan id-dokument lill-Awtorità;

Illi l-artikolu 635 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-proċeduri kriminali bis-saħħa ta' l-artikolu 520 (1) (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid kif għandha ssir il-prova ta' min ikun kiteb jew iffirma dokument. Tali prova, jgħid dan l-artikolu, għandha ssir b'wieħed mill-modi illi ġejjin: (a) billi l-kitba tiġi magħrufa minn min ikun kiteb jew iffirma d-dokument; (b) b'xhieda li raw lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument; (ċ) b'xhieda illi, għalkemm ma rawx lill-persuna tikteb jew tiffirma d-dokument, ikunu jagħrfu l-kitba tagħha; (d) bit-taqbil ta' kitba ma' oħra, jew b'ċirkostanzi oħra jew konġetturi; (e) b'periti tal-kitba, meta tkun kitba diffiċli biex tiġi ivverifikata. Il-prosekuzzjoni mhux biss naqset milli tipproduċi l-oriġinal jew vera kopja ta' l-oriġinal iżda wkoll naqset għal kollox milli tagħmel il-prova ta' l-identità ta' min iffirma skond dawn il-modi kontemplati mil-liġi. Joseph Camilleri illi forsi bagħat id-dokument lill-Awtorità – jingħad 'forsi' għaliex ma ġietx ippreżentata l-allegata komunikazzjoni – u illi seta' jixhed jekk l-appellant iffirmax quddiemu, ma ġiex prodott bħala xhud mill-prosekuzzjoni;

Illi għalhekk il-prosekuzzjoni ma ressqitx l-aħjar prova u resqet bħala prova dokument illi ma għandu l-ebda valur probatorju f'għajnejn il-liġi proċedurali;

Illi l-appellant jirreferi ulterjorment għall-artikolu 636 (2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali illi flimkien jiddisponu illi sabiex kopji awtentiċi jgħamlu prova daqs li kieku kienu l-oriġinali dawn iridu jkunu magħmula fil-formali trid il-liġi mill-uffiċjal li jkun irċieva jew li jkun merfugħ għandu l-oriġinali, jew mill-persuna awtorizzata legalment għaldaqshekk. F'dan il-każ, l-ebda uffiċjal ma irċieva jew għandu miżmum ghandu l-oriġinal. L-uffiċjali illi xehdu ikkonfermaw dan. Għalhekk il-kopja tad-dokument intitolat "Construction Notification Form" ma għandha l-ebda valur probatorju u l-ewwel Qorti, bir-rispett dovut, żbaljat meta tatha fidi daqs li kieku kienet l-oriġinali jew kopja awtentika;

Illi f'sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fit-30 ta' Novembru, 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Victor Paul Borg** ġie ċitat b'awtorità każ preċedenti fejn ġie mgħallem hekk:

> *Illi huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq l-ahjar prova. B'applikazzjoni ta' dan il-principju u tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq kwotati, kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti, altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta' l-ahjar prova.*
>
> *Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Concetta Charles il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:*
>
> *Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.*
>
> *Illi ghalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jistawx jinghataw piz probatorju stante li mhumiex l-ahjar prova.*

Illi fl-aħjar każ għall-prosekuzzjoni, f'dan il-każ ġiet ippreżentata kopja ta' dokument illi ġie mibgħut "scanned" lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Għalhekk id-dokument la huwa oriġinali u lanqas huwa kopja awtentika billi l-iktar huwa kopja ta' kopja jew ta' "scan". Japplika t-tagħlim kontenut fis-sentenza hawn fuq imsemmija u tali dokument ma kellu jingħata l-ebda valur probatorju;

Illi kuntrarjament għal dak illi ikkummentat l-ewwel Qorti, l-appellant ma qalx illi hemm falsità u għalhekk ma kellu jġib l-ebda prova. Il-prova, anzi l-aħjar prova skond il-liġi, kellha tgħamilha l-prosekuzzjoni illi f'dan il-każ assolutament m'għamlithiex. Ma nistgħux naslu f'punt fejn il-prosekuzzjoni tipproduċi bħala prova dokument immarkat vera kopja meta *ex admisses* l-oriġinal qatt ma ratu, ma ġiex iffirmat xejn quddiemha u ma tressaqx bħala prova. Jekk riedet tipprova l-każ tagħha bi provi skond il-liġi kellha ġġib il-prova kif ġie d-dokument fil-pussess tagħha u jekk intbagħat lilha b'"email" kif allegat tippreżenta l-"email" u tipproduċi bħala xhud il-persuna illi bagħtet id-dokument biex tgħid jekk l-imputat ikunx il-persuna illi hija msemmija f'tali dokumenti u jekk iffirmax quddiemu. Inoltre t-tabelli illi jidhru f'xi ritratti illi l-ewwel Qorti għamlet referenza għalihom fis-sentenza appellata mhumiex dokumenti eżebiti f'dawn l-atti, mhumiex dokumenti ai finijiet ta' proċeduri kriminali, mhumiex dokumenti awtentikati u l-fatt illi fuqhom hemm imniżżel l-isem "Chris Borg" ma jfissirx illi b'hekk saret xi identifikazzjoni skond il-liġi ta' l-appellant;

Illi l-prosekuzzjoni bniet l-akkużi tagħha fuq dokument illi ma għandu l-ebda valur probatorju u l-konsegwenza ta' dan hija illi l-appellant kellu jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija;

***It-tielet aggravju – l-appellant ma setax jinstab ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu billi l-post in kwistjoni ma kienx "post tax-xogħol" fit-termini tal-liġi***

Illi mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti u fil-pessima ipoteżi illi dawk l-aggravji jiġu miċħuda, l-appellant ma setax jinstab ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu billi l-post in kwistjoni ma jikkwalifikax bħala "post tax-xogħol" kif definit fil-liġi applikabbli;

Illi mill-provi irriżulta illi kull darba illi saret spezzjoni ma kienx hemm ħaddiema u xogħolijiet għaddejjin. B'mod partikolari irriżulta illi fid-19 ta' Settembru, 2022 meta l-uffiċjali illi xehdu quddiem l-ewwel Qorti marru jgħamlu spezzjoni ma kien hemm ħadd fil-post in kwistjoni. La kien hemm l-appellant, la kien hemm ħaddiema u kwindi lanqas kien hemm xi xogħolijiet għaddejjin;

Illi l-akkużi miġjuba kontra l-apellant jirrigwardaw "post tax-xogħol" illi skond il-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser post "fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu". Fil-każ odjern la kien qiegħed isir xogħol u lanqas kien hemm ħaddiema li allura aċċedew għalih. L-Awtorità għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għandha l-irwol illi tissalvagwardja, inkluż bl-akkużi illi toħroġ, postijiet tax-xogħol, mhux postijet vakanti;

Illi l-appellant lanqas kellu jinstab ħati għaliex skond l-ewwel Qorti "setgħa kien hemm aċċess liberu għal terzi" billi hawn l-ewwel Qorti ikkunsidrat ir-relm ta' l-ipotetiku biex sabet lill-appellant ħati. Bħala fatt ħaddiema ma kienx hemm, xogħolijiet ma kienx hemm għaddejjin u terzi ma kenux jinstabu fil-post. Ma setgħatx l-ewwel Qorti, b'ġustizzja, issib lill-appellant ħati ta' dak illi ma huwa xejn ħlief każ ipotetiku. Lanqas ġie ippruvat mill-prosekuzzjoni illi kien hemm xi persuna li "jistgħa b'xi mod ikollha aċċess" billi proprjetà privata ma hijiex proprjetà illi terzi għandhom jaċċedu għaliha. F'kull każ, dak illi ikkunsidrat l-ewwel Qorti huwa

ipotetiku għall-aħħar u l-fatti juru l-kuntrarju: illi ħadd ma kien fuq il-post. Lanqas jista' jingħad illi inħoloq xi periklu għal terzi li jistgħu jaċċessaw il-post kif qalet l-ewwel Qorti billi prova illi kien hemm xi terzi illi almenu ippruvaw jidħlu ma tressqitx;

Illi s-sejbien ta' ħtija ma jistax jiġi ibbażat fuq l-ipotetiku iżda fuq fatti illi għandhom dejjem jiġu ippruvati lil hemm minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Il-fatti f'dan il-każ huma ċari u univoċi billi la kien hemm xogħol, la kien hemm ħaddiema u lanqas kien hemm terzi. Dak illi kkunsidrat l-ewwel Qorti huwa bir-rispett kollu dovut kollu konġetturi u jaqa' fir-relm ta' l-ipotetiku;

Illi anke għalhekk għal dak ill huwa mertu l-appellant kellu jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija;

***Ir-raba' aggravju – l-appellant ma setax jinstab ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu billi f'kull każ ir-reati addebitati lilu kontemplati fir-regolament 5 u 6 ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 2018 jirreferu għal project supervisor u l-appellant la kien project supervisor u lanqas seta' jiġi meqjus bħala ipso facto project supervisor***

Illi l-appellant ġie akkużat bi ksur tar-regolamenti 5 u 6 ta' l-Avviż Legali tas-sena 2018. Dawn iż-żewġ regolamenti jikkontemplaw responsabbiltajiet tas-*supervisor* tal-proġett illi – jekk din l-Onorabbli Qorti tqis il-*Construction Notification Form* bħala dokument illi għandu valur probatorju skond il-liġi – kien ċertu Joseph Camilleri;

Illi mela allura l-ewwel punt huwa illi l-appellant fil-kapaċità tiegħu personali u/jew bħala l-klijent ma seta' qatt jiġi akkużat b'reati derivanti minn ksur ta' dispożizzjonijiet tal-liġi illi jgħidu x'inhuma r-responsabbiltajiet tas-*supervisor* tal-proġett;

Illi għalhekk l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-appellant fil-kapaċità tiegħu personali u/jew bħala l-klijent ma jreġux;

Illi l-appellant ġie akkużat mhux biss fil-kapaċità personali tiegħu u/jew bħala klijent iżda wkoll bħala *ipso facto project supervisor*. Issa hawn l-akkużi dedotti b'dan il-mod huma destinati illi jfallu wkoll u l-appellant ser jispjega għaliex. Skond l-uffiċjal Clint Cachia il-*project supervisor* kien Joseph Camilleri li skond l-imsemmi uffiċjal irriżenja. L-"email" eżebita minn dan l-uffiċjal immarkata bħala dokument "CC2" ma tgħidx illi rriżenja iżda jgħid illi l-irwol tiegħu "*has now been concluded*" mingħajr ma jgħid għalxiex. L-"email" ma tidhirx illi b'xi mod intbagħtet lil xi ħadd ieħor ħlief lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Però lil hinn minn dan, kemm jekk il-*project supervisor* irriżenja mingħajr ma nforma lil ħadd kif ukoll jekk l-inkarigu tiegħu ġie konkluż, l-appellant – lanqas jekk jitqies bħala l-klijent – ma seta' qatt jiġi akkużat bħala *ipso facto project supervisor*. Ir-regolament 3 (1) ta' l-Avviż Legali 88 tas-sena 2018 jgħid illi klijent huwa fid-dmir li jaħtar, għal kull proġett, *supervisor* tal-proġett għall-istadju tad-disinn u tal-kostruzzjoni. Fil-każ odjern dan sar għaliex ġie maħtur l-imsemi Joseph Camilleri. Imbagħad ir-regolament 3 (5) jipprovdi l-uniku ċirkostanza fejn il-klijent jitqies bħala *ipso facto project supervisor* u din hija **<u>meta l-klijent jonqos milli jaħtar *supervisor* tal-proġett</u>**, il-klijent *ipso facto* titqies li tkun is-*supervisor* tal-proġett;

Illi mela allura anke jekk jiġi skartati l-aggravji kollha preċedenti, biex l-appellant (jekk jingħad illi huwa kien il-klijent) jitqies bħala *ipso facto project supervisor* huwa kellu jonqos milli jaħtar *project supervisor*. Fil-każ odjern, dan mhuwiex il-każ billi kien hemm *project supervisor* ossija l-imsemmi Joseph Camilleri illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx bħala xhud. Il-fatt li dan il-*project supervisor* bagħat "email" biex jgħid li l-inkarigu tiegħu ġie konkluż u ma ikkopja lil ħadd u ma tax raġunijiet għaliex ma jfissirx illi l-klijent naqas minn dmiru skond il-liġi u kellu jiġi meqjus bħala *ipso facto project supervisor*;

Illi l-liġi hija ċara u n-nuqqas tal-klijent kellu jkun illi jonqos milli jaħtar *project supervisor* mhux li jinħatar *project supervisor* li mbagħad jgħid li l-inkarigu tiegħu ġie konkluż. Fil-liġi penali ma hija permessa l-ebda interpretazzjoni b'analoġija u kwalunkwe dubbju dettat mir-raġuni għandu jmur favur l-imputat. Għalhekk hija l-umli sottomissjoni illi anke in kwantu l-appellant ġie akkużat bħala *ipso facto project supervisor* l-akkużi huma destinati illi jfallu għaliex anke jekk l-appellant jitqies bħala l-klijent għal finijiet tal-liġi huwa ma naqasx milli jaħtar *project supervisor*. L-unika ċirkostanza li kienet tiskatta r-responsabbiltà ta' klijent li jitqies *ipso facto project supervisor* ossija illi jonqos milli jaħtar *project supervisor* ma seħħitx fil-każ odjern u l-appellant ma kellu jiġi qatt akkużat f'tali kwalità;

Illi għalhekk ukoll l-appellant kellu jiġi liberat minn kull imputazzjoni u ħtija.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tippronuncja ruhha fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant u cioe' dak li jirrigwardja n-nullita' tas-sentenza appellata a tenur tal-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant qieghed isostni illli l-Ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tieghu taht l-Avviz Legali hazin u dan stante illi fid-decide hija ccitat l-Avviz Legali 22 tas-sena 2018 u mhux l-Avviz Legali 88 tas-sena 2018.

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*' Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun ġie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfażi mizjuda)*

Illi ghalhekk skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w **ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]" ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6] "u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[7]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

*'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w*

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.

*dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[8]" gie kkunsidrat li:

*' osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fissentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[9]' gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), **li ma jezistix fil-Kodici Kriminali**, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic- citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006.

***Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat***; *(App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon u ohrajn**[10]) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)'*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'** ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius u ohrajn**) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Illi f'dan il-kaz, kif diga gie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti, fid-decide, minflok iccitat l-Avviz Legali 88 tas-sena 2018, hija ccitat l-Avviz Legali 22 tas-sena 2018 li huwa ntitolat '*Regoli tal-2018 li jemendaw ir-Regoli dwar Rimborz tat-Taxxa (Pensjonanti)*' u li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern.

Illi pero' dan ma jwassalx ghall annullament tal-procedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti izda n-nullita' hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa w ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 t' Ottubru, 2005.

artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpogga mil-gdid fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiedgha tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti w, biex ma tipprivax lill-partijiet mil-beneficcju tad-*"doppio esame",* qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**